# Żomm għajnejk miftuħin għal għasafar tal-baħar f'diffikultà!

**BirdLife Malta ssejjaħ lill-pubbliku biex jgħin frieħ taċ-Ċief hekk kif jibda l-istaġun li fih iħallu l-bejta biex itiru għall-ewwel darba**

Fil-jiem li ġejjin, il-frieħ taċ-Ċief (Scopoli's Shearwater) se jkunu qed iħallu l-bejta fl-irdumijiet biex itiru għall-ewwel darba u fid-dawl ta' dan BirdLife Malta qed issejjaħ għall-għajnuna tal-pubbliku biex jirrapporta mill-ewwel jekk jara jew isib frieħ f'diffikultà.

Dawn l-għasafar misterjużi jtiru għall-ewwel darba matul il-lejl f'dan iż-żmien tas-sena, bil-frieħ jingħad li jużaw id-dawl tal-orizzont biex isibu triqithom lil hinn mill-kosta. Madanakollu t-tniġġis dejjem jiżdied mid-dawl fuq l-art jista' jwassal biex jiġu diżorjentati u ħafna minnhom jispiċċaw fuq l-art minflok fuq il-baħar. B'hekk isibu diffikultà fi żmien meta lanqas ikunu għadhom kapaċi joqogħdu fuq saqajhom b'periklu serju għall-għajxien tagħhom u għalhekk ikunu jinħtieġu l-għajnuna.

Kif nagħmlu ta' kull sena f'dan l-istaġun, qed nappellaw lill-pubbliku biex jirrapporta lilna jekk jara jew isib frieħ ta' dawn l-għasafar tal-baħar maqbudin fuq l-art. Fejn ikun possibbli dawn l-għasafar żgħar għandhom jinġabru bil-mod u jitpoġġew f'kaxxa tal-kartun. Imbagħad jitħallew f'post għall-kwiet sakemm jinġabru minn membri tal-*istaff* ta' BirdLife Malta ħalli jerġgħu jinħelsu lura fuq il-baħar. BirdLife Malta tista' tiġi kkuntattjata fuq fuq 2134 7644 (fil-ħinijiet tal-uffiċċju) jew 7925 5697 (f'każi ta' emerġenza wara l-ħinijiet tal-uffiċċju).

Din is-sejħa li qed nagħmlu tapplika b'mod partikolari għall-ġranet ta' bejn l-14 u l-24 ta' Ottubru li huma kkunsidrati bħala l-qofol tal-istaġun, għalkemm il-perjodu li fih dawn il-frieħ jistgħu jispiċċaw f'diffikultà jista' jibqa' għaddej sal-bidu ta' Novembru. Għalkemm persuni li jgħixu qrib lokalitajiet bħal Pembroke, Birżebbuġa, Ħal Far u ċ-Ċirkewwa f'Malta; u x-Xlendi u l-Imġarr f'Għawdex aktar hu probabbli li jiltaqgħu ma' każi bħal dawn speċjalment jekk ikunu qed jimxu qrib il-kosta tard billejl jew kmieni filgħodu, dan jista' jiġri kważi f'kull lokalità li tinsab mal-kosta ta' Malta u Għawdex.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

Wara sejħa simili li konna għamilna s-sena l-oħra tul l-istaġun meta l-frieħ taċ-Ċiefa (Scopoli's Shearwater) u tal-Garnija (Yelkouan Shearwater) ikunu qed iħallu l-bejta, konna rċivejna rekord ta' għasafar minn dawn li sabu ruħhom f'diffikultà, b'aktar minn 20 Ċiefa u seba' Garni. Għalkemm hija xhieda tat-theddida persistenti tat-tniġġis mid-dawl, iż-żieda fir-rapporti li daħlu turi wkoll li qed tikber il-kuxjenza fost il-pubbliku dwar dawn l-għasafar.

Iċ-Ċiefa hija l-akbar miż-żewġ speċi ta' *shearwater* li għandna f'Malta. Hu stmat li f'Malta u Għawdex għandna popolazzjoni ta' madwar 4,500 par li jfisser bejn wieħed u ieħor 5% tal-popolazzjoni dinjija taċ-Ċief. Dan l-għasfur tal-baħar protett – li jingħaraf mid-dahar griż u kannella, iż-żaqq bajda u l-munqar isfar – tarah regolarment jittajjar b'qadfiet mgħaġġlin u jħuf baxx mal-mewġ.

Iċ-Ċiefa bħalissa qed tgawdi minn diversi azzjonijiet ta' konservazzjoni bis-saħħa tal-proġett ta' BirdLife Malta LIFE Arċipelagu Garnija. Fost dawn hemm sforzi biex jitnaqqas it-tniġġis mid-dawl fiz-zoni kostali.

Il-ħidma biex jiġu salvati u meħlusa l-frieħ ta' dawn l-għasafar tal-baħar ma tkunx possibbli mingħajr l-appoġġ kontinwu li nirċievu mingħand il-pubbliku. Int tista' tagħti daqqa t'id biex din il-ħidma tkun tista' tkompli billi tikkontribwixxi għall-aktar kampanja riċenti ta' *crowdfunding* li għandha kif nidejna #ISAVEBIRDS.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**
LIFE Arċipelagu Garnija
http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
https://www.facebook.com/arcipelagugarnija

**Ritratti:**

1. Ċiefa adulta qed ittir. (Ritratt ta' Tim Micallef)
2. Ferħ ta' Ċiefa (Ritratt ta' Paulo Lago)
3. Ferħ ta' Ċiefa (Ritratt ta' Paulo Lago)


Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB